Studentillum
WWW.STUDENTILLUM.COM
NRU 028 • OTTUBRU 2026

LURA L-ISKOLA: BIDU ĠDID WARA S-SAJF

Wara ġimgħat twal taʼ vaganzi, ġranet mimlija baħar, ħarġiet, logħob u mistrieħ, wasal iż-żmien li t-tfal u ż-żgħażagħ jerġgħu jilbsu l-uniformi u jirritornaw lejn l-iskola għal sena skolastika ġdida.

Għal ħafna familji, ir-ritorn lejn l-iskola huwa wieħed mill-mumenti li jimmarkaw it-tmiem tas-sajf. Il-ġranet twal u l-ħinijiet aktar rilassati jispiċċaw, u l-familja trid terġaʼ tidħol fʼrutina aktar organizzata. Il-basktijiet jerġgħu jimtlew bil-kotba u l-pitazzi, l-uniformijiet jiġu ppreparati u l-arloġġi jibdew jerġgħu jdoqqu kmieni filgħodu.

Il-bidu tas-sena skolastika dejjem iġib miegħu taħlita taʼ emozzjonijiet. Għal ħafna studenti, hemm l-eċitament li jerġgħu jiltaqgħu maʼ sħabhom wara ġimgħat ʼil bogħod minn xulxin. Ikunu kurjużi wkoll biex jaraw il-klassijiet tagħhom, jiltaqgħu mal-għalliema u jsiru jafu xʼse ġġib magħha s-sena l-ġdida.

Għal oħrajn, madankollu, ir-ritorn jistaʼ jkun akkumpanjat minn ftit nervi. Studenti li qed jibdew fi skola ġdida, jidħlu fi klassi differenti jew jiffaċċjaw aktar xogħol u responsabbiltajiet jistgħu jħossuhom inċerti. Fʼdawn il-mumenti, l-appoġġ tal-ġenituri, tal-għalliema u taʼ sħabhom jistaʼ jagħmel differenza kbira.

Għall-ġenituri wkoll, ir-ritorn lejn l-iskola huwa bidla. Wara sajf bʼħinijiet aktar flessibbli, jerġgħu jidħlu r-rutina tal-qawmien kmieni, il-kolazzjon, it-tħejjija tal-basktijiet, it-traġitt lejn l-iskola u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet wara l-ħin tal-iskola.

L-ewwel ġimgħat jistgħu jkunu kemxejn impenjattivi, iżda ftit ftit kulħadd jerġaʼ jsib ir-ritmu tiegħu.


Il-bidu tas-sena skolastika dejjem iġib miegħu taħlita taʼ emozzjonijiet

Is-sena skolastika l-ġdida hija wkoll opportunità biex wieħed jibda mill-ġdid. L-iskola mhijiex biss dwar il-lezzjonijiet, il-homework, il-marki u l-eżamijiet. Hija wkoll żmien fejn l-istudenti jitgħallmu jaħdmu fʼtim, jagħmlu ħbiberiji ġodda, jitgħallmu jieħdu r-responsabbiltà u jiffaċċjaw sfidi bʼaktar kunfidenza.

Kull student għandu l-vjaġġ tiegħu. Għal xi wħud, din tistaʼ tkun sena taʼ kisbiet importanti; għal oħrajn, sena li fiha jkollhom jissieltu maʼ diffikultajiet ġodda. L-importanti hu li kull sena ġġib magħha ċ-ċans li wieħed jitgħallem, jikber u jagħmel pass ieħor ʼil quddiem.

Wara sajf taʼ mistrieħ, issa wasal iż-żmien li l-klassijiet jerġgħu jimtlew bil-vuċijiet, id-daħk u l-enerġija tat-tfal. Is-sena skolastika l-ġdida hija kapitlu ġdid — mimli tagħlim, esperjenzi, ħbiberiji u memorji li jistgħu jibqgħu magħhom għal ħafna snin.

Sena ġdida, forsi skola ġdida u, għal kulħadd, bidu ġdid.

F'DIN IL-ĦARĠA












SPEĊI NAZZJONALI

Aphanius fasciatus

LEGALLY PROTECTED

IL-BUŻAQQ

Il-bużaqq hija ħuta zgħira li tinstab biss f'artijiet mistgħadra madwar il-Mediterran u hija l-unika ħuta fil-Gżejjer Maltin li tgħix f'ilma salmastru. Fl-ambjent naturali tiegħu, il-bużaqq jgħix fuq invertebrati u pjanti akwatiċi. Il-bużaqq ġie ddikjarat bħala speċi nazzjonali fl-2018.



Ritratt: Par ħut għat-tnissil ġo akwarju © Raymond Caruana - Killifish Conservation Project (KCP)

FSC

ERA
Environment & Resources Authority

INIZJATTIVA ĠDIDA BIEX TGĦIN ŻGĦAŻAGĦ JESPLORAW ID-DINJA TAR-RIĊERKA XJENTIFIKA

MARY ANN CAUCHI
Senior Director, Esplora



Il-Grant huwa miftuħ għal żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-21 sena

Esplora nieda l-Young Researchers' Grant, inizjattiva ġdida maħsuba biex tagħti liż-żgħażagħ opportunità konkreta biex jesploraw id-dinja tar-riċerka xjentifika, jiżviluppaw l-ideat tagħhom u jesperjenzaw mill-qrib il-proċess li jwassal minn mistoqsija għal investigazzjoni, u minn investigazzjoni għal skoperta.

Din l-inizjattiva tirrifletti l-missjoni ta' Esplora li jrawwem il-kurżità, iħeġġeġ l-iskoperta u jagħti s-setgħa lil persuni ta' kull età biex jinvolvu ruħhom fix-xjenza. Fl-istess waqt, il-Grant tirrappreżenta pass konkret fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Esplora 2030, li permezz tagħha Esplora qed iħares lil hinn mir-rwol tradizzjonali ta' ċentru interattiv tax-xjenza biex ikompli jiżviluppa bħala pjattaforma nazzjonali għall-involviment fi STEAM – Science, Technology, Engineering, Arts and Mathematics.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din il-viżjoni huwa li jinħolqu aktar opportunitajiet biex iż-żgħażagħ ma jkunux biss spettaturi jew riċevituri ta' informazzjoni xjentifika, iżda jsiru parteċipanti attivi fil-proċess tal-iskoperta. Ir-riċerka tindika li, hekk kif it-tfal jidħlu fl-adolexxenza, l-interess u l-involviment tagħhom fix-xjenza jistgħu jonqsu – sfida li jaffaċċjaw ċentri tax-xjenza u istituzzjonijiet edukattivi madwar id-dinja.

Madankollu, l-esperjenza turi li meta ż-żgħażagħ jingħataw il-libertà biex jesploraw, ir-responsabbiltà fuq il-proġetti tagħhom u l-fiduċja biex ifittxu t-tweġibiet huma stess, l-involviment tagħhom isir aktar b'saħħtu u sinifikanti. Esplora diġà ra l-benefiċċji ta' dan l-approċċ permezz ta' inizjattivi bħal STEAM Engagement Community Fund u CanSat, fejn iż-żgħażagħ kellhom l-opportunità jitgħallmu permezz tal-parteċipazzjoni diretta.

Huwa fuq dan il-prinċipju li huwa mibni l-Young Researchers' Grant. Dan mhuwiex sempliċement fond għal attività edukattiva, iżda opportunità biex iż-żgħażagħ jgħaddu minn esperjenza awtentika ta' riċerka xjentifika. Il-parteċipanti se jagħżlu mistoqsija li jixtiequ jinvestigaw, jifformulaw ipoteżi, jiġbru u janalizzaw l-evidenza, jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom u jaqsmu dak li jkunu skoprew. B'hekk, ma jkunux biss qed jitgħallmu dwar ix-xjenza, iżda jkunu qed jagħmlu x-xjenza huma stess.

Il-Grant huwa miftuħ għal żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-21 sena, li jistgħu japplikaw individwalment jew f'tim ta' mhux aktar minn tliet persuni. Kull proġett jista' jibbenefika minn finanzjament sa €700, filwaqt li sa €1,000 huma allokati għall-mentor jew ir-riċerkatur li jakkumpanja u jiggwida lill-parteċipanti tul il-proċess.

Dan il-fond huwa miftuħ għaċ-ċittadini Maltin, u dawk li għandhom residenza Maltija. Il-proġetti huma miftuħa fuq żewġ kategoriji:

- L-Esploraturi Nebbieta: bejn 13 u 17-il sena, u;
- L-Esploraturi Blanzuni: bejn 18 u 21 sena.

Proġetti jistgħu jkopru suġġetti bħall-baħar, l-ispazju, it-teknoloġija, is-saħħa u l-ambjent fost oħrajn. Il-proġetti jieħdu sena biex ikunu finalizzati.

Il-mentoring huwa element ċentrali tal-inizjattiva. Ir-riċerkaturi żgħażagħ, Esploraturi Nebbieta jew Blanzuni, skont il-kategorija tal-età tagħhom se jkollhom mentor li jiggwidahom, jaqsam magħhom l-għarfien u l-esperjenza tiegħu, u jurihom fil-prattika xi tfisser karriera fir-riċerka. Dan il-kuntatt dirett ma' professjonisti jista' jgħin liż-żgħażagħ jifhmu aħjar il-possibbiltajiet li joffru karrieri fix-xjenza, ir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

Fl-istess waqt, il-programm joħloq opportunità għar-riċerkaturi u l-professjonisti biex jagħtu kontribut dirett lill-ġenerazzjoni li jmiss. Permezz tal-għarfien, l-esperjenza u l-gwida tagħhom, il-mentors jistgħu jispiraw liż-żgħażagħ, jgħinuhom jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom u jressquhom aktar qrib id-dinja tar-riċerka.

Il-vjaġġ mhux se jieqaf mat-tlestija tal-proġett. Fi tmiem il-programm, il-parteċipanti se jippreżentaw ir-riżultati tagħhom waqt avveniment imfassal fuq il-format ta' konferenza xjentifika. Din l-esperjenza se tagħtihom l-opportunità jikkomunikaw ir-riċerka tagħhom, jippreżentaw u jiddefendu l-ideat u l-konklużjonijiet tagħhom, jisimgħu lil parteċipanti oħra u jaqsmu l-għarfien miksub.

B'dan il-mod, iż-żgħażagħ se jiżviluppaw ħiliet li jmorru lil hinn mill-proġett innifsu, fosthom il-ħsieb kritiku, ir-riċerka, il-komunikazzjoni, il-kollaborazzjoni u s-soluzzjoni tal-problemi. Dawn huma kompetenzi essenzjali għal dinja dejjem aktar immexxija mix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

Il-Young Researchers' Grant mhuwiex inizjattiva iżolata. Huwa parti minn ħidma usa' ta' Esplora u Xjenza Malta biex jissaħħu r-rabtiet bejn ir-riċerka, l-edukazzjoni, l-industrija u l-komunitajiet. Din il-ħidma tinkludi inizjattivi bħall-iSTEAM Engagement Community Fund, in-National STEAM Engagement Taskforce u diversi programmi ta' finanzjament għar-riċerka ta' Xjenza Malta.

Esplora jinsab f'pożizzjoni unika biex jiffaċilita dawn ir-rabtiet. Kull sena jiltaqa' ma' eluf ta' tfal, żgħażagħ u familji u għandu relazzjonijiet b'saħħithom ma' skejjel, edukaturi, riċerkaturi u komunitajiet. Fuq kollox, joffri spazju fejn il-kurżità mhijiex biss milqugħa, iżda mħeġġa biex tiżviluppa f'esplorazzjoni, investigazzjoni u skoperta.

Għal aktar tagħrif dwar l-applikazzjoni, wieħed jista' jsegwi sessjoni online li se ssir fit-2 ta' Settembru fil-17:00: https://esplora.org.mt/young-researchers-grant/ L-applikazzjoni tagħlaq fil-21 ta' Ottubru filwaqt li r-riżultati jitħabbru fil-21 ta' Novembru 2026.

GEN Z U L-FESTA MALTIJA

SPIĊĊA L-ISTAĠUN TAL-FESTI U STUDENTILLUM TĦARES LEJN KIF — AVOLJA L-FESTA MALTIJA GĦADHA TGĦIX FIL-MARĊI, FIL-BANED, FIN-NAR U FL-ARMAR — IL-ĠENERAZZJONI ŻAGĦŻUGĦA QED IĠĠIB MAGĦHA WKOLL MODI ĠODDA KIF TIPPARTEĊIPA U TESPRIMI RUĦHA



Il-festa hija ħafna aktar minn ġranet ta' ċelebrazzjoni

JAELLE BORG

Għal ħafna żgħażagħ, il-festa ma tibdiex mal-ewwel marċ u ma tispiċċax mal-aħħar murtal. Tibda ħafna qabel, fil-każin, fil-kamra tan-nar, fil-provi tal-banda, u fix-xogħol volontarju li jibqa' għaddej matul is-sena kollha.

Iżda f'ġenerazzjoni li kibret ukoll ma' Instagram, TikTok, DJ's u kunċerti, il-mod kif iż-żgħażagħ jersqu lejn il-festa qed jinbidel. Il-mistoqsija mhix biss jekk iż-żgħażagħ għadhomx iħobbu l-festa, iżda x'qed ifisser għalihom li jkunu parti minnha llum.

Għal Matthias Cuschieri, żagħżugħ involut fil-festa ta' Birkirkara, ir-rabta mal-festa bdiet minn età żgħira.

"Il-festa kont inħobbha mindu kont żgħir u nħobb il-kultura Maltija," jgħid.

Għalih, il-festa hija ħafna aktar minn ġranet ta' ċelebrazzjoni. Hija l-mument li għalih in-nies tal-każin u d-dilettanti jkunu ilhom jaħdmu għal xhur sħaħ.

"Il-festa hija kollox għalina. Huwa mument li nkunu ilna naħdmu għalih."

Iżda Cuschieri jinsisti wkoll li l-festa ma tistax titqies biss bħala divertiment jew tradizzjoni folkloristika. Għalih, fil-qalba tagħha għandha tibqa' t-tifsira reliġjuża tagħha: it-tifkira tal-ħajja u l-ġid tal-patrun jew patruna li tkun qed tiġi ċċelebrata.

Festa li tikber miegħek

Għal Ruslana Spiteri, mill-Għargħur, ir-rabta mal-festa hija saħansitra marbuta mal-istorja tal-familja tagħha.

Minn ċkunitha kienet tiġri wara l-baned mal-familja tagħha. Ommha u missierha kienu t-tnejn bandisti, filwaqt li n-nanniet tagħha kienu jaħdmu fin-nar. Għalhekk, tgħid, il-festa ma kinitx xi ħaġa li skoprietha aktar tard fil-ħajja, iżda ambjent li trabbiet fih.

"L-imħabba lejn il-festa hija xi ħaġa li tikber fik u ssir parti minnek," tgħid Spiteri. Għaliha, il-festa mhijiex biss tradizzjoni jew ċelebrazzjoni iżda forma ta' identità li tgħaqqad lin-nies u tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Fil-każ tagħha, il-festa tgħaqqad flimkien ir-reliġjon, it-tradizzjoni, il-ħbiberija u s-sens ta' appartenenza. Tgħid li permezz tagħha mhux biss issib komunità li taqsam l-istess passjoni, iżda bħala mużiċista tiltaqa' wkoll ma' nies li jgħinuha titgħallem u tikber.

Din il-konnessjoni personali, iżda, ma tfissirx li ż-żgħażagħ kollha qed jgħixu l-festa bl-istess mod.

Żgħażagħ inqas marbuta mal-każini?

Spiteri temmen li għad hemm ħafna żgħażagħ b'passjoni kbira għall-festa u għall-każini tal-banda, iżda tinnota li n-numru tagħhom qed jonqos.

Għaliha, dan ipoġġi responsabbiltà wkoll fuq il-każini nfushom.

Dawn, tgħid, iridu jagħmlu sforz biex iżommu liż-żgħażagħ qrib tagħhom, jagħtu valur lill-kontribut tagħhom u, fuq kollox, jisimgħu l-ideat tagħhom anke meta dawn ikunu differenti minn dawk tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel.

"Importanti li ma jwarrbuhomx sempliċement għax għandhom ideat differenti jew aktar moderni."

Il-bilanċ, skont Spiteri, jinsab bejn il-ħarsien ta' dak li ntiret u l-ftuħ għal modi ġodda kif il-festa tista' tibqa' relevanti.

Cuschieri wkoll jara li mhux kull żagħżugħ għandu l-istess interess. Hemm min jippreferi l-kunċerti, jgħid, u hemm min għall-kuntrarju jqis il-festa tradizzjonali bħala xi ħaġa ferm aktar attraenti.

Dan id-distakk bejn tipi differenti ta' udjenzi qed isir dejjem aktar evidenti fil-festi tal-lum.

Il-marċ jew l-after party?

Spiteri, li matul is-sajf iżżur diversi festi, tinnota żewġ realtajiet.

Minn naħa hemm żgħażagħ li jinvolvu ruħhom direttament fil-festa: fl-armar, fin-nar, fil-każini, fil-baned u f'oqsma oħra ta' volontarjat. Min-naħa l-oħra, hemm ukoll dawk li jinġibdu aktar lejn l-element soċjali u tad-divertiment.

"Tara żgħażagħ jaqbżu u jieħdu gost fil-marċ, iżda mbagħad tara ammont ferm akbar li jitla' apposta għall-after party u għad-DJ ta' wara l-marċ."

Għaliha, din mhix neċessarjament problema fiha nnifisha. Il-festa qed tinbidel mal-ġenerazzjonijiet u l-elementi moderni jistgħu jservu bħala mod kif jinġibdu nies ġodda. L-isfida tkun li dan l-interess ma jiqafx mal-kunċert jew id-DJ, iżda jwassal ukoll biex iż-żgħażagħ jiskopru t-tradizzjoni, il-mużika u x-xogħol volontarju li hemm wara l-festa.

U għalhekk, għall-mistoqsija jekk il-kunċerti humiex qed jieħdu post il-marċi tradizzjonali, Spiteri ma tarahiex bħala għażla bejn wieħed u ieħor.

Hi stess tieħu gost kemm b'attivitajiet moderni kif ukoll bil-marċi, iżda tgħid li l-marċ tradizzjonali jibqa' eqreb ta' qalbha.

"Nemmen li t-tnejn jistgħu jeżistu flimkien u saħansitra jikkumplimentaw lil xulxin."

Il-linja ħamra għaliha hija li l-modernizzazzjoni ma tħassarx dawk l-elementi li jagħmlu l-festa Maltija dak li hi: il-marċi, il-baned, in-nar, l-armar u l-atmosfera mibnija madwarhom.

Mingħajr iż-żgħażagħ, x'jibqa'?

Il-futur tal-festa, għal dawn iż-żewġ żgħażagħ, jiddependi ħafna minn jekk il-ġenerazzjoni tagħhom u dik ta' warajhom jibqgħux lesti jagħtu sehemhom.

Cuschieri ma jaħsibx li l-festa se tisparixxi, iżda jammetti li ż-żgħażagħ illum għandhom rwol importanti ħafna biex tibqa' għaddejja. Huwa għalhekk li jħeġġeġ aktar żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom.

Il-festa, jgħid, ma tmutx jekk il-kultura tibqa' tinżamm ħajja.

Spiteri hija aktar kawta. Mingħajr iż-żgħażagħ, temmen li l-festa tista' tonqos ħafna, għax jintilfu l-enerġija, l-entużjażmu u l-ideat ġodda li huma meħtieġa biex tradizzjoni antika tibqa' tgħix f'soċjetà li kontinwament tinbidel.

Meta tħares 20 sena 'l quddiem, timmaġina festa aktar moderna u b'aktar teknoloġija, fosthom teknoloġiji bħad-drones li diġà bdew jidhru f'ċerti ċelebrazzjonijiet.

Iżda anke f'din il-verżjoni aktar moderna, hija temmen li l-elementi tradizzjonali għandhom jibqgħu protetti u li l-volontarjat għandu jibqa' l-mutur tal-festa.

VICTORIA 2031: IL-BELT GĦAWDXIJA KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA

Mhux faċli li belt żgħira tikseb opportunità li tmur ferm lil hinn mid-daqs tagħha. Għar-Rabat f'Għawdex, it-23 ta' Settembru 2026 huwa wieħed minn dawk il-mumenti.

Il-belt kapitali ta' Għawdex ġiet irrakkomandata mill-bord indipendenti ta' esperti biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2031, u b'hekk Malta terġa' tkun fil-qalba ta' waħda mill-aktar inizjattivi kulturali prestiġjużi tal-Unjoni Ewropea, 13-il sena wara Valletta 2018.

Id-deċiżjoni tal-bord hija pass kruċjali, iżda għadha mhijiex id-dežinjazzjoni legali finali. Skont il-kalendarju uffiċjali tal-Valletta Cultural Agency, ir-rapport finali għandu jiġi ppubblikat bejn Novembru 2026 u Jannar 2027, u d-dežinjazzjoni formali tal-belt mistennija fl-istess perjodu.

Għar-Rabat, madankollu, il-mument huwa wieħed storiku.



Il-belt kapitali ta' Għawdex ġiet irrakkomandata biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2031

Vjaġġ li beda snin ilu

Il-proċess għal Kapitali Ewropea tal-Kultura ma jsirx fi ftit xhur. Il-kunċett innifsu jmur lura għall-1985, meta nħoloq fuq inizjattiva tal-Ministru Griega għall-Kultura Melina Mercouri.

L-għan mhuwiex sempliċement li belt tospita sena ta' festivals u spettakli. Il-programm Ewropew ifittex li jsaħħaħ id-diversità kulturali Ewropea, joħloq rabtiet bejn komunitajiet u pajjiżi u juża l-kultura bħala għodda għall-iżvilupp fit-tul, kemm soċjali kif ukoll ekonomiku u urban.

Fil-każ ta' Malta, il-Valletta Cultural Agency kienet responsabbli mill-proċess, bħala parti mill-legat tal-Valletta 2018 Foundation.

L-ewwel espressjoni ta' interess kienet infetħet fl-2020, u fl-2021 kienu tressqu żewġ proposti: waħda mir-Rabat f'isem ir-Reġjun ta' Għawdex u oħra mill-Birgu f'isem ir-Reġjun Xlokk.

Il-kompetizzjoni formali mbagħad kompliet fl-2024 u l-2025. Iż-żewġ kandidaturi ġew evalwati minn bord indipendenti ta' esperti maħtur mill-Kummissjoni Ewropea u mill-awtoritajiet nazzjonali. F'Novembru 2025, ir-Rabat ġie magħżul bħala l-unika belt Maltija li għaddiet għall-fażi finali.

Minn hemm 'il quddiem, it-tim tar-Rabat kellu jsaħħaħ il-bid book, jipprepara programm aktar dettaljat, juri l-kapaċità amministrattiva u finanzjarja tiegħu u jispjega x'legat jista' jħalli l-proġett wara l-2031.

Il-bord żar ir-Rabat f'Settembru qabel il-laqgħa finali fil-Belt Valletta.

X'qed jipproponi r-Rabat?

Il-kandidatura mhijiex mibnija fuq sensiela ta' avvenimenti spettakolari biss.

It-tim ta' Victoria 2031 qed jippreżenta lil Għawdex bħala laboratorju fejn il-kultura tista' twieġeb għal realtajiet partikolari tal-ħajja fuq gżira.

Id-Direttur Artistiku Austin Camilleri spjega li l-proġett għandu l-għan li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni kulturali, jappoġġja lill-artisti u lill-organizzazzjonijiet, jagħti ħajja ġdida lill-ispazji pubbliċi u joħloq relazzjonijiet Ewropej fit-tul.

It-tliet valuri li fuqhom hija mibnija l-kandidatura huma l-mod bil-mod, il-kura u l-kuraġġ – slowness, care and courage.

Iċ-Chairperson tal-Victoria 2031 Foundation, Samuel Azzopardi, spjega li l-"mod bil-mod" għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' spazju biex in-nies jisimgħu lil xulxin; il-"kura" tirrikonoxxi oqsma fejn is-soċjetà għad għandha bżonn titjieb, filwaqt li l-"kuraġġ" ifisser li wieħed iħares 'il barra u jkun lest għall-bidla anki wara li jgħaddi l-2031.

Il-programm għandu jinfirex lil hinn mir-Rabat u jinkludi l-14-il lokalità f'Għawdex, b'attivitajiet li jistgħu jsiru f'teatri, mużewijiet u siti storiċi iżda wkoll fi pjazez, djar, sptarijiet, spazji diġitali, barrieri, imtieħen, kappelli, mal-kosta u fuq il-baħar.

U element importanti huwa li parti mill-programm jitħalla miftuħ għall-ideat u l-kreattività li joħorġu fis-snin li ġejjin.

Il-lezzjoni ta' Valletta 2018

Ir-Rabat issa għandha xi ħaġa li l-Belt Valletta ma kellhiex meta bdiet il-vjaġġ tagħha: esperjenza Maltija diretta ta' kif titmexxa Kapitali Ewropea tal-Kultura.

Il-Belt Valletta kienet Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018 flimkien ma' Leeuwarden fl-Olanda.

Il-proġett biddel il-mod kif il-kultura kienet tiġi ppreżentata f'Malta. Ma kienx biss dwar wirjiet, kunċerti u festivals, iżda dwar il-ħolqien ta' spazji ġodda, parteċipazzjoni komunitarja, riġenerazzjoni u investiment fil-qasam kulturali.

Il-legat kien jinkludi spazji u proġetti kulturali ġodda, fosthom MUŻA u l-Valletta Design Cluster, flimkien ma' diversi interventi oħra fil-belt. Skont studju kkummissjonat mill-Valletta Cultural Agency, il-proġett iġġenera madwar €678 miljun fl-ekonomija Maltija.

Iżda l-esperjenza tal-Belt Valletta tqajjem ukoll mistoqsijiet għar-Rabat.

Brian Azzopardi, is-sindku tar-Rabat, kien diġà qal meta r-Rabat għadda għall-fażi finali, il-belt għandha titgħallem minn Valletta 2018 u tagħmel ċert li l-belt tibqa' ddedikata għar-residenti tagħha. Huwa ddeskriva dan ir-riżultat bħala "game changer" għar-Rabat u Għawdex.

Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura tista' ġġib magħha viżitaturi, investiment u opportunitajiet ġodda, iżda s-suċċess tagħha ma jistax jitkejjel biss bin-numru ta' nies li jaslu Għawdex.

X'Jgħid il-Malti

BLA NIFS!

ESPRESSJONIJIET MARBUTIN MAL-KELMA NIFS



Ir-respirazzjoni, jew f'kelma aktar sempliċi "in-nifs", hija fundamentali għall-bnedmin biex ikun jistgħu jgħixu. B'mod sempliċi nistgħu niddefinixxu l-kelma nifs bħala dik l-arja li ndaħħlu u noħorġu mill-pulmun. Però le stenn, din il-kitba mhix xi lezzjoni tal-bijoloġija imma se niffukaw fuq l-espressjonijiet marbutin mal-kelma nifs.

Nindunaw kemm in-nifs huwa importanti meta niġu f'sitwazzjoni fejn nibdew naqtgħu nifisna sforz xi kundizzjoni medika bħall-ażżma, jew wara li nibilgħu xi nugrufun jew dħaħen perikoluż. Naqtgħu nifisna wkoll wara li nitilgħu xi telgħa tal-beati Paoli jew xi sensiela ta' turġien ma jispiċċaw qatt.

Din l-espressjoni tista' tintuża wkoll meta tkun imdawwar ma' persuna enerġetka li ma tiqafx tgħid. Il-Malti jgħid li t-tali jew it-talija qatgħuli nifsi daqskemm jgħidu. B'mod aktar pożittiv tista' tintuża meta xi ħadd jgħaġġbek bit-talent u l-kapaċitajiet tiegħu. Ngħidu li l-vuċi tal-kantanta qatgħetli nifsi daqskemm kienet tajba. Osservazzjoni interessanti dwar il-frażijiet qata' nifsu, qtajt nifsi, qtajna nifisna u l-bqija hija li f'Malta t-tendenza hija li jingħad b'dan il-mod, jiġifieri bl-użu tal-pronomi mehmużin magħqudin man-nom nifs, waqt li f'Għawdex aktar hemm ċans li tisma' l-espressjonijiet qata' n-nifs, qtajt in-nifs jew qtajna n-nifs, mingħajr l-użu tal-pronom mehmuż.

F'kuntrast, flok taqta' nifsek tista' tieħu n-nifs. B'mod sempliċi għall-aħħar l-espressjoni ħa nifs tintuża meta persuna litteralment tieqaf wara xi ġirja sakemm iġġib nifisha lura. B'mod aktar espressiv, l-espressjoni ħa nifs tintuża meta bniedem, temporanjament jew mhux, jegħleb l-ostakli li jiltaqa' magħhom. Tisma' lil min jgħid li minn mindu persuna sabet xogħol ħadet in-nifs. In-nifs hawn qed jintuża biex ikompli juri sinjal ta' ħajja u vitalità għax permezz tiegħu, il-persuna tista' terġa' ssib skop għal ħajjitha, tqum fuq saqajha, u tħallas l-ispejjeż li jkollha. Barra minn hekk, min jaf kemm ġieli ltqajna ma' persuni telleriti li ma jiqfux itaqtqu u ngħidulhom b'mod niggieżi "ħu nifs!" Nisperaw li int mhux xi wieħed minn dawn it-telleriti!

Il-kelma nifs inħobbu nżeffnuha fin-nofs meta nkunu qegħdin ngħumu jew nipprattikaw xi sport assoċjat mal-għawm. Hemm min hu kapaċi jżomm in-nifs taħt l-ilma għal ħafna sekondi iżda hemm min hu nifsu qasir. L-espressjoni nifsu qasir tintuża wkoll għal min ikollu problemi respiratorji u mal-ewwel ġirja jew arja ħażina, dlonk tarah jilheġ u jitlob għan-nifs. F'kuntrast, għal min fl-atletika jew f'xi sport li jirrikjedi li jkollok nifsek tajjeb, tarah jiġri fit-tul mingħajr ma jegħja, ġieli tisma' lil min jgħid li għandu żewġ pulmuni! X'kumpliment dak hux tassew?!

Minħabba li n-nifs huwa assoċjat mal-ħajja, insibu wkoll xi espressjonijiet li jalludu għall-mewt. L-espressjoni ħa l-aħħar nifs tintuża bħala ewfemiżmu għall-kelma tqila u diretta "miet". B'hekk il-kelliem jipprova jbenġilha ftit ħalli ma jużax il-kelma qawwija "miet". Minnaħa l-oħra min jibqa' jiġġieled għall-ħajja sal-aħħar sekondi jew f'kuntest sportiv sal-aħħar minuta tal-kompetizzjoni, ngħidu l-frażi popolari sal-aħħar nifs.

Espressjoni ħelwa li jaf tnissel ftit tbissima hija "jigdeb daqskemm jieħu nifs". L-esaġerazzjoni hawnhekk toħroġ b'qawwa l-fatt li l-persuna li qed nitkellmu dwarha tigdeb ħafna peress li n-nifs niħduh kull ftit sekondi.

B'tifsira differenti, il-kelma nifs għadha tintuża wkoll għal meta persuni jkunu qed ipejpu xi pipa jew sigarett. Ġieli kontu qegħdin xi ikla u xi ħadd mill-familjari tiegħek tisimgħu jgħid li ħiereġ barra jieħu nifs? Hemmhekk il-kelma "nifs" iġġorr magħha t-tifsira ta' xi ħadd li qed jonfoħ ġos-sigarett jew ġol-pipa biex igawdi dak il-mument tant sagru għalih.

Il-kelma nifs tintuża wkoll fil-qasam ekonomiku. Hawn min jagħżel li jħallas xi karozza jew biċċa għamara bin-nifs. F'dal-każ, flok iħallas il-prezz finali tal-prodott jew tas-servizz f'daqqa, ikun qiegħed iħallsu f'pagamenti separati matul iż-żmien. B'hekk l-ispiża tinqasam f'pagamenti iżgħar u titħallas kull ġimgħa jew kull xahar jew skont il-ftehim magħmul. Għalhekk, l-idea wara l-espressjoni ħallas binnifs hi li tkun qed tagħti lill-klijent ftit tan-nifs jekk ma jiflaħx iħallas kollox f'daqqa.

L-idea tan-nifs inisbuha wkoll użata meta nitkellmu fuq innuqqas ta' spazju li wieħed iħalli. Jekk pereżempju vettura tipparkja eżatt mal-karozza tiegħek ma tkunx ħallietlek nifs. Barra minn hekk jekk f'kamra jkun hemm l-għeluq, jaf tisma' lil min jitlob biex tinfetaħ tieqa sforz in-nuqqas ta' nifs li jkun hemm. Anki tifla ta' ftit xhur jew snin jaf toqgħod 'il bogħod min-nifsijiet, jiġifieri minn postijiet iffullati, biex ma timbukkax xi riħ meta tkun għadha pjuttost fraġli u sensittiva.

Min-naħa l-oħra, f'ambjent seren ħiemed f'xi l-ħamsa ta' filgħodu jew waqt minuta silenzju f'okkażjoni speċjali jaf tisma' lil min jgħid li ma kontx tisma' nifs sforz kemm ikun hemm kwiet. Marbuta ma' dal-mument ta' kwiet, meta xi surmast jikkoreġi lill-istudenti tiegħu u jaqa' s-skiet, l-istudenti lanqas ikunu tniffsu. Iva, il-verb tniffes ukoll ħiereġ mit-tliet konsonanti tal-għerq tal-kelma nifs u tfisser li tant kemm instamtu u qagħdu kwieti li bilkemm stajt tismagħhom jieħdu nifs. U la qed insemmu l-istudenti, min jaf kemm-il darba wara xi sessjoni intensiva waqt l-edukazzjoni fiżika tarahom jixorbu l-ilma f'nifs sforz l-enerġija li jkunu ħlew.

Waqt li nittamaw li din il-kitba ħallietkom bla nifs, nistedinkom issegwu l-ewwel episodju tal-programm televiżiv "X'Jgħid il-Malti" marbut mal-kelma nifs.

LURA LEJN IL-BANKIJIET

META JIFTĦU L-ISKEJJEL U L-UNIVERSITAJIET F'MALTA U MADWAR L-EWROPA?

Hekk kif ix-xhur tas-sajf riesqa lejn tmiemhom, eluf ta' tfal, żgħażagħ u studenti qed iħejju ruħhom biex jerġgħu lura għall-bankijiet tal-iskola u s-swali tal-università.

Madwar l-Ewropa, iżda, m'hemmx data waħda li fiha tibda s-sena skolastika. Filwaqt li f'ċerti pajjiżi l-istudenti jkunu diġà lura fil-klassi sa minn Awwissu jew mill-ewwel jiem ta' Settembru, f'oħrajn il-bidu tas-sena skolastika jasal aktar tard matul ix-xahar.

Din id-differenza tidher ukoll fid-data miġbura min-network Ewropew Eurydice. L-aħħar paragun sħiħ disponibbli dwar il-kalendarji tal-iskejjel Ewropej juri li f'madwar nofs is-sistemi edukattivi analizzati, is-sena skolastika tibda fl-1 ta' Settembru, filwaqt li f'oħrajn it-tfal jidħlu lura l-iskola f'Awwissu jew aktar tard f'Settembru. Eurydice jiġbor informazzjoni dwar għexieren ta' sistemi edukattivi Ewropej u jenfasizza kemm il-kalendarji jistgħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor.

Din is-sena, pereżempju, fi Franza madwar 11.6 miljun student irritornaw l-iskola fl-1 ta' Settembru 2026. Fi Spanja d-dati jvarjaw skont ir-reġjun: f'Madrid, l-istudenti tal-kindergarten u l-primarja bdew fis-7 ta' Settembru, filwaqt li dawk tas-sekondarja bdew ġurnata wara. Fil-Katalonja, il-maġġoranza tal-istudenti fl-edukazzjoni obbligatorja bdew fit-8 ta' Settembru.

Fl-Italja wkoll id-data tvarja bejn reġjun u ieħor. Fil-Lombardija, pereżempju, il-lezzjonijiet għall-biċċa l-kbira tal-istudenti bdew fl-14 ta' Settembru 2026, filwaqt li l-iskejjel tat-tfal iż-żgħar fetħu fis-7 ta' Settembru.

Saħansitra fi ħdan pajjiż wieħed id-differenza tista' tkun sostanzjali. Fil-Ġermanja, fejn il-vaganzi jiġu organizzati fuq bażi reġjonali, il-vaganzi tas-sajf f'Berlin intemmu fit-22 ta' Awwissu, filwaqt li fil-Bavarja damu sal-14 ta' Settembru.





Fi Franza madwar 11.6 miljun student irritornaw l-iskola fl-1 ta' Settembru (fuq), filwaqt li fil-Ġermanja (xellug), il-vaganzi tas-sajf f'Berlin intemmu fit-22 ta' Awwissu, filwaqt li fil-Bavarja damu sal-14 ta' Settembru

U f'Malta, meta jerġgħu jiftħu l-iskejjel?

F'Malta, l-istudenti fl-iskejjel tal-Istat għandhom jirritornaw fil-klassi nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2026.

Il-kalendarju skolastiku tal-Malta Union of Teachers għall-2026/27 juri li t-28 u d-29 ta' Settembru huma jiem ta' preparazzjoni, qabel jibdew il-ġranet skolastiċi. Skejjel tal-Istat li diġà ppubblikaw l-informazzjoni tagħhom lill-ġenituri kkonfermaw ukoll li l-ewwel ġurnata tal-iskola għall-istudenti se tkun it-30 ta' Settembru.

Fil-livell tal-kindergarten, id-dħul jista' jkun gradwali. Pereżempju, fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi, it-tfal ta' Kinder 2 jibdew fl-1 ta' Ottubru, filwaqt li dawk ta' Kinder 1 jibdew fil-5 jew is-6 ta' Ottubru skont l-appuntament mogħti mill-iskola.

Għaldaqstant, meta mqabbla ma' bosta pajjiżi Ewropej fejn it-tfal ikunu lura fil-klassi mill-ewwel nofs ta' Settembru, il-ftuħ tal-iskejjel tal-Istat f'Malta jasal relattivament tard fix-xahar.

Xi ngħidu għall-universitajiet?

Is-sitwazzjoni fl-universitajiet Ewropej hija saħansitra aktar varjata, għaliex ħafna mill-istituzzjonijiet għandhom il-kalendarju akkademiku tagħhom.

Eurydice jiġbor ukoll data dwar il-bidu tas-sena akkademika fl-edukazzjoni terzjarja f'40 pajjiż Ewropew, u jinnota li d-differenzi fil-kalendarji huma fattur importanti anke għall-mobilità tal-istudenti bejn pajjiż u ieħor.

Għas-sena akkademika 2026/27, pereżempju, fl-Università ta' Amsterdam l-ewwel semestru beda fil-31 ta' Awwissu 2026 u jibqa' għaddej sad-29 ta' Jannar 2027.

Fl-Università ta' Copenhagen, is-semestru tal-ħarifa jibda fl-1 ta' Settembru u jibqa' għaddej sal-aħħar ta' Jannar, għalkemm id-dati speċifiċi tal-lezzjonijiet jistgħu jvarjaw skont il-fakultà u l-programm.

Fl-Università ta' Bologna, minnaħa l-oħra, is-sena akkademika formali 2026/27 tibda fl-1 ta' Novembru, iżda t-tagħlim fil-biċċa l-kbira tal-korsijiet jibda qabel, bejn l-14 ta' Settembru u l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru.

Meta tiftaħ l-Università ta' Malta?

Fl-Università ta' Malta hemm differenza bejn studenti li diġà qegħdin jistudjaw hemmhekk u dawk li se jibdew l-ewwel sena tagħhom.

Għall-2026/27, l-ewwel semestru għall-istudenti li qed ikomplu l-kors tagħhom jibda nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2026, filwaqt li għall-istudenti tal-ewwel sena jibda nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru. Fl-istess jum, 5 ta' Ottubru, issir ukoll iċ-ċerimonja uffiċjali tal-ftuħ tal-Università.

L-ewwel semestru jibqa' għaddej sas-6 ta' Frar 2027, bit-tieni semestru jibda fit-8 ta' Frar. L-Università tispjega wkoll li, b'mod ġenerali, is-sena akkademika tagħha tibda f'Ottubru, għalkemm ikun hemm ukoll intake iżgħar fi Frar.

Għalhekk, filwaqt li ħafna tfal u studenti f'partijiet oħra tal-Ewropa ilhom diġà ġimgħat lura fil-klassi, għal eluf ta' studenti Maltin, il-bidu ta' sena skolastika jew akkademika ġdida għadu ftit jiem 'il bogħod.

NOTTE BIANCA TIRRITORNA B'LEJL TA' ARTI U KULTURA FIL-BELT VALLETTA

Festivals Malta se terġa' ttella' Notte Bianca nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru 2026, b'lejl ta' arti, kultura u kreattività li se jagħti l-ħajja lit-toroq u l-ispazji tal-Belt Valletta.

Il-programm ta' din is-sena joffri taħlita varjata ta' dixxiplini artistiċi. Fosthom insibu l-mużika, żfin, teatru, arti viżiva u aktar, b'xogħlijiet li jħaddnu kemm ġeneri familjari kif ukoll proġetti aktar innovattivi u mhux mistennija.

Id-direzzjoni artistika ta' din l-edizzjoni qed titmexxa minn tim kollaborattiv magħmul minn Yanis Azzopardi, Daniel Cauchi u Rodney Gauci. It-tliet Diretturi Artistiċi jġibu perspettivi differenti li flimkien jgħinu biex jinħoloq programm aktar varjat.

"L-udjenza ta' Notte Bianca hija unika għaliex l-avveniment jilqa' gosti u ġeneri artistiċi differenti ħafna. Irridu nżommu l-programm aċċessibbli, filwaqt li noffru wkoll lill-pubbliku l-opportunità jiskopri xogħlijiet u esperjenzi li forsi normalment ma jesperjenzax," qalu d-Diretturi Artistiċi.

Il-Belt Valletta stess se tkun parti integrali mill-esperjenza. Din is-sena, il-programm huwa ispirat mit-toroq, il-palazzi, il-kunventi u l-ispazji storiċi tal-Belt.

"Spettaklu jista' jieħu tifsira kompletament differenti skont fejn tiġi ppreżentata. Il-Belt Valletta tagħtina l-opportunità naħsbu fir-relazzjoni bejn ix-xogħol, l-ispazju u l-udjenza. Il-Belt stess issir parti minn Notte Bianca," żiedu jgħidu.


L-artisti jibqgħu fil-qalba tal-avveniment għal din l-edizzjoni. Notte Bianca toffrilhom spazju biex joħolqu, jesperimentaw u jippreżentaw xogħol maħsub apposta għal din il-lejla u għall-udjenza tagħha.

"Nixtiequ li l-artisti jaraw lil Notte Bianca bħala opportunità biex joħolqu u jesperimentaw, u biex iġibu quddiem il-pubbliku l-ideat u l-identità kreattiva tagħhom f'kuntest uniku bħal dan," temm jgħid it-tim tad-Direzzjoni Artistika.

Notte Bianca hija organizzata minn Festivals Malta bis-sapport tal-Ministeru għall-Kultura u Wirt Nazzjonali b'kollaborazzjoni ma' Vibe FM, Coca Cola u European Heritage Days.

Għal aktar informazzjoni u għall-programm sħiħ żuru www.festivals.mt/nb u l-pjattaformi ta' Notte Bianca fuq Facebook u Instagram.





Il-programm ta' din is-sena joffri taħlita varjata ta' dixxiplini artistiċi

ŻMIEN IL-KAVALLIERI

L-ORDNI TAL-KAVALLIERI TA' MALTA, MA TWELIDX F'MALTA. L-GĦERUQ TIEGĦU JINSABU F'ĠERUSALEMM KWAŻI ELF SENA ILU. L-ORDNI ORIĠINA BĦALA KOMUNITÀ RELIĠJUŻA LI KIENET TIEĦU ĦSIEB PELLEGRINI LI JŻURU L-ART IMQADDSA.



L-istorja tal-Kavallieri ta' Malta hija marbuta b'mod inseparabbli mal-istorja tal-Mediterran, mal-Kruċjati u, aktar tard, mal-iżvilupp ta' Malta bħala waħda mill-fortizzi ewlenin tal-Ewropa. Iżda l-Ordni ta' San Ġwann, magħruf aktar tard bħala l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta, ma twelidx f'Malta. L-għeruq tiegħu jinsabu f'Ġerusalemm kważi elf sena ilu.

L-Ordni oriġina bħala komunità reliġjuża li kienet tieħu ħsieb pellegrini li jżuru l-Art Imqaddsa. L-importanza tagħha kibret wara l-Kruċjata fl-1099, meta l-membri bdew jipprovdu kura u assistenza lill-morda u lill-pellegrini. Maż-żmien, l-Ordni sar ukoll organizzazzjoni militari, b'kavallieri armati li kellhom ir-responsabbiltà li jiddefendu t-territorji Nsara fl-Art Imqaddsa.

Meta l-Insara tilfu l-kontroll ta' Ġerusalemm fl-aħħar tas-seklu 12, l-Ordni spiċċa jiċċaqlaq minn post għal ieħor: l-ewwel Akka, imbagħad Ċipru u Rodi. F'Rodi, il-Kavallieri stabbilew ruħhom għal aktar minn żewġ sekli u żviluppaw qawwa navali u militari konsiderevoli.

Fl-1522, madankollu, l-Ordni tkeċċa minn Rodi wara assedju twil mill-forzi Ottomani mmexxija mis-Sultan Sulejman il-Manjifiku. Għal diversi snin, il-Kavallieri baqgħu mingħajr bażi permanenti. Fl-1530, l-Imperatur Karlu V tahom lil Malta, flimkien ma' Għawdex u Tripli, biex ikollhom bażi minn fejn ikomplu d-difiża tagħhom kontra l-qawwa Ottomana.

Kien f'dan il-mument li l-istorja tal-Ordni saret marbuta għal dejjem ma' Malta.

Il-Kavallieri sabu gżejjer żgħar, neqsin mill-ilma u b'fortifikazzjonijiet relattivament dgħajfa. Iżda l-pożizzjoni strateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran kienet imprezzabbli. L-Ordni beda jsaħħaħ il-fortizzi, jiżviluppa l-flotta tiegħu u jibni sistema ta' difiża li eventwalment għamlet lil Malta wieħed mill-aktar postijiet fortifikati fl-Ewropa.

Wieħed mill-ewwel passi importanti kien it-tisħiħ tal-Birgu, li sar iċ-ċentru tal-Ordni. Il-Forti Sant'Anġlu, il-fortizzi ta' San Mikiel u San Girgor, u aktar tard il-belt il-ġdida Valletta, kienu kollha parti minn proġett militari u urban enormi.

L-akbar prova waslet fl-1565.

F'Mejju ta' dik is-sena, armata kbira Ottomana waslet Malta bl-għan li teqred lill-Ordni u tneħħi wieħed mill-aktar ostakli importanti għall-ħakma Ottomana fil-Mediterran. Il-forzi tal-Ordni kienu mmexxija mill-Gran Mastru Jean Parisot de Valette, filwaqt li l-forzi Ottomani kienu jinkludu eluf kbar ta' suldati, appoġġjati minn flotta qawwija.

Dak li beda bħala attakk fuq il-fortizzi Maltin inbidel f'assedju ta' xhur sħaħ. Il-Kavallieri u l-Maltin iddefendew b'mod partikolari l-Birgu, l-Isla u l-Forti Sant'Iermu. Dan tal-aħħar waqa' wara ġlied qalil, iżda d-difiża tiegħu swiet lill-Ottomani għadd kbir ta' vittmi.

Il-ġlied kompla matul is-sajf, bl-Ottomani jippruvaw jegħlbu l-aħħar difiżi. Minkejja l-bumbardamenti kontinwi, il-mard, in-nuqqas ta' provisti u l-għeja, il-Kavallieri u d-difensuri Maltin baqgħu jirreżistu.

F'Settembru waslu rinforzi mill-Ewropa, magħrufa bħala l-Gran Soccorso. Il-forzi Ottomani, diġà mdgħajfa wara xhur ta' ġlied, ma setgħux ikomplu l-assedju u rtiraw minn Malta.

Ir-rebħa tal-1565 kellha konsegwenzi enormi. Il-Kavallieri saru simbolu tad-difiża tal-Kristjaneżmu kontra l-qawwa Ottomana, filwaqt li l-prestiġju ta' Malta żdied madwar l-Ewropa kollha.

Sena wara, fl-1566, bdiet tinbena l-Belt Valletta, imsemmija għall-Gran Mastru de Valette. Il-belt saret monument għall-Ordni u għar-rebħa tal-Assedju l-Kbir, u matul is-sekli ta' wara l-Kavallieri komplew jibnu palazzi, knejjes, sptarijiet u fortifikazzjonijiet.

Il-preżenza tagħhom f'Malta damet sal-1798, meta Napuljun Bonaparte invada l-gżejjer u l-Ordni ċeda.

Studentillum NRU 028 • OTTUBRU 2026

L-ISTORJA TA' MALTA: IL-KAVALLIERI

L-ISTORJA TAL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN BDIET F'ĠERUSALEMM. KIEN HEMM OSPIZJU LI KIEN JILQA' FIH U JIEHU HSIEB PELLEGRINI MORDA, FOQRA U FIL-BŻONN. LEJN L-AHHAR TAS-SEKLU 11, IL-HIDMA TIEGHU KIENET F'IDEJN KOMUNITÀ RELIĠJUŻA DDEDIKATA LIL SAN ĠWANN IL-BATTISTA. MINN HAWN ĠEJ L-ISEM 'OSPITALIERI TA' SAN ĠWANN'. DAK IŻ-ŻMIEN MA KIENX HEMM KAVALLIERI BL-ARMATURA, KASTELLI JEW FLOTTA. IL-MISSJONI KIENET WAHDA: IL-KURA U L-KARITÀ.

WASALT ĠERUSALEMM WARA VJAĠĠ TWIL TA' ĠIMGHAT, U ISSA LANQAS NIFLAH NOQGHOD FUQ SAQAJJA.

EJJA MAGHNA. GHANDNA POST FEJN NIEHDU HSIEB PELLEGRINI BHALEK.

U KEMM SE TISWIELI?

XEJN. QEGHDIN HAWN BIEX NAQDU LILL-MORDA U LILL-FOQRA.

FL-1099, L-ARMATI TAL-EWWEL KRUĊJATA ASSEDJAW U HATFU ĠERUSALEMM. IL-BELT INHAKMET B'MOD BRUTALI U SEHH MASSAKRU TAL-POPOLAZZJONI MUSULMANA U LHUDIJA. L-OSPITALIERI KIENU GHADHOM ORDNI RELIĠJUŻ LI KIEN JIEHU HSIEB IL-MORDA, IL-FOQRA U L-PELLEGRINI.

ĠERUSALEMM WAQGHET! IRBAHNA!

U L-FERUTI TAGHNA?

GHANDKOM HAFNA XOGHOL X'TAGHMLU.

GHALHEKK QEGHDIN HAWN.

IL-HOLQIEN TAL-ISTATI KRUĊJATI BIDDEL IR-REALTÀ LI KIENU JGHIXU FIHA L-OSPITALIERI. ISSA KIEN HEMM TERRITORJI X'JIDDEFENDU, PELLEGRINI X'JIPPROTEĠU, U GHEDEWWA LI SETGHU JATTAKKAW FI KWALUNKWE MUMENT. MATUL IS-SEKLU 12, TAHT IL-GRAN MASTRU RAYMOND DU PUY, L-ORDNI BEDA JADOTTA RWOL MILITARI DEJJEM AKTAR IMPORTANTI.

MA NISTGHUX NIBQGHU NIEHDU HSIEB IL-MORDA BISS. IRRIDU NIPPROTEĠU WKOLL LILL-PELLEGRINI U L-ISPTARIJIET TAGHNA.

U MIN SE JIDDEFENDIHOM?

IL-MEMBRI TAGHNA.

BL-ARMI?

INKELLA BIEX?

L-ORDNI ISSA KIEN QED ISIR WAHDA MILL-AKTAR ORGANIZZAZZJONIJIET MILITARI IMPORTANTI TAL-ISTATI KRUĊJATI. HAFNA MILL-KAVALLIERI KIENU ĠEJJIN MINN FAMILJI NOBBLI TAL-EWROPA U KIENU JIDHLU FL-ORDNI GHAL RAĠUNIJIET KEMM RELIĠJUŻI KIF UKOLL MILITARI. GHALL-FAMILJI NOBBLI, L-ORDNI KIEN ISOLVILHOM UKOLL IL-PROBLEMA TA' X'JAGHMLU BIT-TIENI, IT-TIELET U R-RABA' IBEN. IL-GRAN MASTRU KIEN JIĠI ELETT MILL-MEMBRI TAL-ORDNI BIEX IMEXXI L-ORDNI, IMMA L-PAPA KIEN L-OGHLA AWTORITÀ FL-ORDNI.

MISSIERI JRIDNI NIDHOL FL-ORDNI.

GHAX TRID TAQDI LIL ALLA?

HEKK QALLI. IMMA HAWN MHUX BISS TAQDI LILL-MORDA – TILBES L-ARMATURA U TMUR GHALL-GWERRA WKOLL, HUX?

L-ORDNI KISEB ARTIJIET U ĠID KBIR PERMEZZ TA' DONAZZJONIJIET U BENEFIĊĊJI MINN FAMILJI NOBBLI MADWAR L-EWROPA. B'DAWN IL-FONDI, L-ORDNI ŻAMM U ŻVILUPPA FORTIZZI ENORMI, FOSTHOM MARGAT U KRAK DES CHEVALIERS.

DAN IL-KASTELL TAL-OSPITALIERI?

IVA.

IMMA XOGHOLKOM MHUX LI TIEHDU HSIEB IL-MORDA?

HEKK BDEJNA, IVA.

U ISSA GHANDKOM FORTIZZI BHAL DAWN?

F'NOFS GWERRA, SPTAR MINGHAJR HITAN GHOLJIN MHUX EŻATTAMENT L-AHJAR IDEA.

FL-1187, SALADIN GHELEB LILL-ARMATA KRUĊJATA FIL-BATTALJA TA' HATTIN U HA LURA L-KONTROLL TA' ĠERUSALEMM. IL-KUNTRAST MAL-1099 KIEN QAWWI: IL-KRUĊJATI KIENU WETTQU MASSAKRU META HATFU L-BELT; SALADIN MA ORDNAX MASSAKRU ĠENERALI META REĠA' HA ĠERUSALEMM. IL-PAPIET KOMPLEW ISEJĦU GHAL KRUĊJATI ĠODDA, IŻDA L-ISTATI KRUĊJATI KOMPLEW JITILFU L-ARTIJIET TAGHHOM.

SALADIN REĠA' HA ĠERUSALEMM. ISSA SE JPATTILNA GHAL DAK LI GHAMILNA FL-1099.

LE. HAFNA MILL-INSARA THALLEW JITILQU WARA LI HALLSU FIDWA, U OHRAJN SETGHU JIBQGHU.

IRRIDU NERĠGHU NIEHDU L-BELT.

IL-PAPA DIĠÀ QED ISEJJAH GHAL KRUĊJATA ĠDIDA. MA QATAX QALBU ...

FL-1291, ACRE, L-AHHAR ĊENTRU EWLIENI TAL-KRUĊJATI FIL-LVANT, WAQGHET F'IDEJN IL-MAMLUKI. IL-PREŻENZA KRUĊJATA FL-ART IMQADDSA WASLET FI TMIEMHA.



WARA PERJODU F'ĊIPRU, FL-1309 L-OSPITALIERI ĦADU L-KONTROLL TA' RODI. IL-ĠŻIRA TATHOM TERRITORJU, PORTIJIET U FORTIFIKAZZJONIJIET QAWWIJA. ĦUMA ŻVILUPPAW UKOLL FLOTTA LI GĦAMLITHOM QAWWA EWLENIJA FIL-MEDITERRAN.



MINN RODI, L-ORDNI INTENSIFIKA L-GWERRA FUQ IL-BAĦAR. IL-BASTIMENTI TIEGĦU KIENU JATTAKKAW U JAQBDU XWIENI, MERKANZIJA U PRIĠUNIERI. L-ORDNI KIEN IQIS DAWN L-ATTAKKI BĦALA OPERAZZJONIJIET ĠUSTIFIKATI FI GWERRA.



FL-1522, SULEJMAN IL-KBIR MEXXA ASSEDJU ENORMI KONTRA RODI. WARA XĦUR TA' ĠLIED, L-OSPITALIERI ĊEDEW U TELQU MILL-ĠŻIRA. GĦAL DARB'OĦRA SPIĊĊAW MINGĦAJR TERRITORJU.



FL-1530, WARA SNIN BLA TERRITORJU, L-IMPERATUR KARLU V OFFRA MALTA U GĦAWDEX LILL-ORDNI BĦALA BAŻI ĠDIDA, FLIMKIEN MA' TRIPLI. L-GĦOTJA KELLĦA L-APPROVAZZJONI TAL-PAPA KLEMENT VII. IL-GRAN MASTRU DAK IŻ-ŻMIEN KIEN PHILIPPE VILLIERS DE L'ISLE ADAM. IL-FTEĦIM KIEN JITLOB UKOLL LI L-ORDNI JIBGĦAT FALKUN WIEĦED KULL SENA LIL KARLU V BĦALA TRIBUT SIMBOLIKU. IŻDA L-ĠŻIRA MA TANTX ĦALLIET IMPRESSJONI TAJBA FUQ IL-KAVALLIERI.



JEAN QUINTIN DE AUTUN, FRANĊIŻ, QASSIS U KAVALLIER TAL-ORDNI, ŻAR MALTA WARA L-WASLA TAL-KAVALLIERI U KITEB DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-ĠEŻJJER. IL-KITBA TLESTIET FL-1533 U ĠIET IPPUBBLIKATA F'LYON FL-1536 BĦALA INSULAE MELITAE DESCRIPTIO. IL-ĠŻIRA LI GĦALL-EWWEL DEĦRET NIEXFA, FQIRA U MĦUX IMPRESSJONANTI KIENET SE SSIR ID-DAR TAL-ORDNI GĦAL KWAŻI 270 SENA U L-BAŻI TAL-AKTAR KAPITLU FAMUŻ FL-ISTORJA TIEGĦU.



XJENZA MALTA

esplora

10 YEARS ANNIVERSARY

THE VILLAIN ACADEMY

Dan il-Halloween esperjenza **The Villain Academy** fl-Esplora avventura divertenti u immersiva fejn ix-xjenza, ir-rakkontar tal-istejjer u l-biża' jingħaqdu flimkien.



Esplora se jinbidel f'akkademja għal rekluti kurjużi, u jiskopru x-xjenza wara effetti spettakolari ispirati mill-villani.

Kemm jekk ġej mal-ħbieb jew sempliċiment biex taqta' l-kurżità, lesti ruħek biex tesplora dinja ta' esperimenti, skoperti mhux mistennija u xjenza prattika, ilkoll miġburin f'avventura divertenti tal-Halloween adattata għall-familja kollha.

31 TA' OTTUBRU - 4 TA' NOVEMBRU 10AM – 5PM

IĊ-ĊENTRU INTERATTIV TAX-XJENZA ESPLORA, KALKARA